## Jikteb is-Segretarju:

Saviour DIMECH



### INSELLMU LILL-EKS-KAPPILLAN TAS-SOĊJETA` FILARMONIKA NICOLO` ISOUARD:

# MONS. ANTON MUSCAT P.E.P.

Kien nhar Ħamis ix-Xirka fil-għodu, l-01 ta' April 1999, ftit siegħat qabel ma l-qniepen waqfu mid-daqq tagħhom biex tiġi osservata l-liturġija tal-Ġimgħa Mqaddsa, meta t-tokki kiebja tal-qanpiena l-kbira ħabbru l-mewt ta' Mons. Anton Muscat. Daqqet il-libra u dlonk fuq il-Każin tal-Banda Nicolo` Isouard bdiet tperper il-bandiera mezzasta. Kien sinjal ta' rispett għax Dun Anton, kif konna nafuh, kien Direttur Spiritwali tas-Soċjeta` għal diversi snin.

Jien lil Dun Anton ma niftakrux fil-kariga ta' Direttur Spiritwali tal-Każin għax meta sseħibt, kien ilu li ħalla minħabba li kien sar kappillan tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli. Lil Dun Anton niftakru aktar fi tfuliti meta kien il-prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira. Proprju l-fatt li l-monsinjur miet fl-aqwa tal-Ġimgħa Mqaddsa ġabli quddiem għajnejja dawk is-snin meta lil Dun Anton kont narah jirsisti fil-ġranet ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira u jiġri mal-purċissjoni biex jara li kollox miexi sew.



Mons. Anton Muscat P.E.P.,
Kappillan tas-Soċjeta` Filarmonika Nicolo` Isouard
bejn l-1943 u l-1961.

### Prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira

Illum aħna l-Mostin nistgħu niftaħru li għandna waħda mill-aqwa purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Iżda ftit li xejn nagħtu kas li dak li għandna sar bil-għaqal ta' dawk ta' qabilna, fosthom il-prokuraturi li ħlew ħafna mill-enerġija tagħhom biex ikabbru u jkomplu jsebbħu din il-festa. Wieħed mill-prokuraturi l-aktar li ħadmu kien Dun Anton. Bejn is-snin 1943 u 1960, fi żmien meta hu kien il-prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira, saru ħafna opri li għadna ngawduhom sal-lum. Minħabba l-ispazju mhux possibbli li noqgħod insemmi l-opri waħda waħda. Ngħid b'mod ġenerali li fiż-żmien li dam jamministra l-Ġimgħa l-Kbira saru 61 żimarra ġdida għat-tfal. Saru d-dijademi tal-fidda għall-istatwi kollha, l-istandard vjola u tliet bankuni tal-ġewż għall-istatwi tal-Veronika, il-Marbut u l-Ecce Homo. Ma' dawn saru tliet opri tassew kbar. Fl-1944 sar is-Salib tal-Via Sagra fuq id-disinn ta' Emmanuel Buhagiar. Is-salib skolpit inħadem ta' l-ebbanu mill-istess skultur Buhagiar. L-ornamenti tal-fidda tiegħu ħadimhom Ċikku Cassar minn Bormla. Sewa b'kollox £178. Fl-1956, din l-opra ġiet kompluta billi sar il-bankun tal-ġewż għalih, li sewa £90 u sar ukoll fuq id-disinn ta' Emmanuel Buhagiar u nħadem minnu stess.

Fl-1952, il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira ġew impittrin kif għadna narawhom illum mill-Kavalier Rafel Bonnici Cali`. Dan sar wara li xi snin qabel l-istatwi kienu ġew impittrin u dekorati b'disinji li ma tantx intlaqgħu tajjeb għax ma ntgħoġbux. Bonnici Cali` tħallas £100 għax-xogħol tiegħu.

Il-bandalora ta' l-S.P.Q.R. saret fl-1953. Hi tal-bellus vjola rrakkmata bid-deheb u nħadmet Milan u swiet £240.

Il-valur ta' l-opri kollha li semmejt kien jaqbeż £1460. Ma ninsewx li qegħdin nitkellmu dwar ġrajjiet ta' ħamsin sena ilu meta l-valur tal-lira kien ferm u ferm għola minn dak tal-lum.

Iżda l-imħabba li Dun Anton kellu għall-festa tal-Ġimgħa l-Kbira toħroġ ċar għall-fatt li hu ma kienx kuntent biss li jsiru l-opri. Hemm x'uħud minnhom li rregalahom hu minn butu. Fl-1944 ħareġ £30 għas-Salib tal-Via Sagra. Irregala l-qasba tal-fidda għall-Ecce Homo. Din swiet £18. Fl-1956 ħallas £13 biex saru l-imsiemer tal-fidda għall-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira.

Minn dan li semmejt wieħed malajr jirrealizza li biex isiru dawn l-opri kien jinħtieġ xogħol u kuntatti kontinwi matul is-sena kollha. Dan jixhed id-dedikazzjoni li kellu l-prokuratur Dun Anton għall-Ġimgħa l-Kbira.



*Il-Bandalora tal-S.P.Q.R. li saret fl-1953.*



*L-istatwa ta' Kristu fl-Ort turi kif kienu dekorati l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira qabel l-1952.*

**Min kien Mons. Anton Muscat**

Mons. Anton Muscat twieled il-Mosta nhar it-3 ta' Lulju 1911. Il-ġenituri tiegħu kienu Tommaso u martu Maria Concetta, imwielda Borg. Fl-4 ta' Lulju, zijuh il-viċi Dun Ġużepp Borg għammdu fil-knisja arċipretali. Il-parrinijiet kienu Gio Maria Camilleri u martu Venera. Ingħata l-ismijiet ta' Anton, Carmelo u Salvatore. Hu kien il-ħames fost sitt aħwa: Żaren; Andrea; Marianna, li mietet ta' eta` żagħżugħa; Adeodata, akbar minnu; u Ġużeppi, sbatax-il sena iżgħar.

Fi ċkunitu Anton trabba fi Triq il-Kbira, f'dik il-parti bejn il-knisja u l-istatwa ta' San Ġużepp.[1] Kellu nanntu Katarin Borg, li flimkien ma' żewġha Indri kellhom ħanut tax-xorb.[2] Sfortunatament Indri miet ta' eta` żgħira u għalhekk il-piż tat-tmexxija tal-ħanut waqa' fuq Katarin, li kellha lil binha Pawlu jgħinha. Dan il-ħanut tista' tgħid kien imiss mal-knisja bi triq dejqa tifridhom minn xulxin. Mal-ħanut kellhom id-dar fejn joqogħdu. Flimkien ma' Katarin baqgħu tnejn minn uliedha, Dun Ġużepp u Pawlu.[3] Dun Ġużepp kien qaddes fl-1902 u baqa' viċi tal-parroċċa tal-Mosta sa ma miet fl-1943. Pawlu baqa' ġuvni. Kien iħobb ħafna l-knisja u l-festi. Li jaraw għajnejh kienu jagħmluh idejh. Għalhekk kien dejjem il-knisja fejn kien għamel ħafna xogħol b'xejn.



*Katarin Borg,*
*in-nanna ta' Mons. Anton Muscat.*
*(Ħajr lil Indrì Borg).*



*Dehra tal-pjazza qabel ma nfetħet Triq il-Kostituzzjoni fis-snin tletin. Fiċ-ċirku tidher id-dar bil-ħanut tan-nanna Katarin fejn flimkien magħha kien joqgħod iz-ziju Pawlu.*

Żgur li n-nanna Katarin, iz-ziju Dun Ġużepp u z-ziju Pawlu, li kienu daqstant viċin u marbutin mal-knisja, influwenzaw liċ-ċkejken Anton. Jista' jkun li ż-żerriegħa tas-saċerdozju, dik ta' l-imħabba lejn il-knisja, speċjalment il-Ġimgħa l-Kbira u dik ta' l-imħabba lejn dak li hu artistiku, kellhom l-għeruq tagħhom f'dan l-ambjent.

It-tfajjel Anton ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-Gvern. Imbagħad daħal is-seminarju tal-Furjana fejn għadda l-kors kollu sakemm sar saċerdot. Ġie ordnat mill-Isqof Mons. Mikiel Gonzi, dak iż-żmien Isqof t'Għawdex, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann nhar il-31 ta' Lulju 1938. Fis-7 ta' Awwissu 1938, għamel l-ewwel quddiesa sollenni fir-Rotunda tal-Mosta. Il-paniġierku f'din il-festa għamlu r-rettur tas-seminarju Mons. Enrico Bonnici. Il-parrinijiet kienu zijuh Dun Ġużepp Borg u ħuh Andrea Muscat.

Ftit xhur wara li ġie ordnat, Dun Anton ngħata impjieg fil-kurja ta' l-Arċisqof fl-uffiċċju tal-quddies fejn dam sal-1961. Fl-1 ta' Jannar 1939, Mons. Arċisqof Dun Mauro Caruana ħatru Viċi-parroku tan-Naxxar fejn baqa' sa Mejju 1941 meta l-gwerra kienet ħraxet sewwa. Fin-Naxxar, Dun Anton waqqaf l-Azzjoni Kattolika tax-xebbiet.

Fl-1942, l-Arċipriet tal-Mosta Dun Girgor Borg ħtieġlu jirtira f'Burmarrad minħabba l-marda li kellu u li wasslitu sal-qabar. Għalhekk l-Arċisqof Caruana ħatar lil Dun Anton Vigarju Ekonomu biex jieħu ħsieb il-parroċċa tal-Mosta. Nhar il-Ħamis, 9 ta' April 1942, meta l-bomba nifdet il-koppla tal-knisja, Dun Anton kien qiegħed ibierek id-djar wara l-festa ta' l-Għid il-Kbir.

Fl-1943, sar membru tal-Missjoni l-Kbira li fiha dam jaħdem bħala predikatur u konfessur għal

LIL
**Dun Anton Muscat**
FIL-JUM
**ta' l-ewwel Quddiesa Kbira**
FIL-PARROĊĊA TAL MOSTA
7 TA' AWWISSU, 1938.

SUNETT.

Le mhux il-ġid li jbajjar bla ma jxabba'
anqas xi tama ħorgħa ta' fohrija
jew ħsieb ieħor li r-ruħ maħdifa jtabba'
sejħulek fuq dit-triq, Anton. Bikrija

u safja ġewwa sidrek bdiet titrabba'
ix-xewqa kbira ta' ħajja bla ħtija,
u kienet il-ħuġġieġa ta' l-Imħabba
li wasslitek fuq l-Għolja tal-Qdusija.

Mimli bil-Fidi li taf tirbaħ, itla'
l-Artal Imqaddes, għid il-kliem tas-saħħa
u niżżel mis-smewwiet il-Ħobż tal-Ħajja

u 'tih lil ħutek. Tenni din il-grajja
biex il-ħsieb ta' kulħadd jitħabbeb magħha
u tikber kbal ballut ta' l-Ħena ix-xitla.

Mons. C. Psaila.

Nihil obstat
Datum Melitae die 2 Augusti 1938
P. Ambrosius M. Schembri O.S.A.
Cens. Theol.

*Tifkira ta' l-Ewwel Quddiesa Sollenni ta' Mons. Anton Muscat.*
*(Ħajr lil Joe Muscat).*

*Quid retribuam Domino pro omnibus quae retribuit mihi?*

*O Gesu'*
*Sii largo di benedizioni su quanti con me ti rendono grazie per i favori largitimi in 25 anni di Sacerdozio.*

*Ascolta benigno e costantamente proteggi quanti mi ricordano nelle loro preghiere, e a me concedi, pel restante di mia vita, di servirti con rinnovato fervore.*

*Sac. Antonio Muscat*

*1938 31 Juglio 1963*

*Santa li tfakkar 25 sena ta' Saċerdozju.*

aktar minn 45 sena. Fl-istess żmien sar Viċendarju f'Burmarrad, kariga li żamm għal kważi dsatax-il sena. Dam jieħu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali ta' dawn in-nies sakemm inbniet il-knisja l-ġdida li imbagħad saret parroċċa.

L-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi nnomina lil Dun Anton kappillan tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli. Ħa l-pussess fl-10 ta' Ottubru 1961 u għamel tliet snin ta' ħidma f'din il-parroċċa. Fost l-oħrajn kompla x-xogħol tal-bini tal-knisja. Fi żmienu telgħu l-kampnari, ġġeddet il-faċċata tal-knisja u tlesta z-zuntier b'kollox. Għal din il-parroċċa, l-kappillan Dun Anton Muscat laħaq l-istatwa sabiħa tad-Duluri li nħadmet Bolzano fl-Italja.

Nhar l-10 ta' Mejju 1964, Dun Anton ħa l-pussess tal-parroċċa ta' Ħal Lija. Dam sa l-1969 jaħdem fix-xogħol pastorali u jieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-knisja. Lejlet is-Salvatur, 5 ta' Awwissu 1969, l-Arċisqof Mons. Gonzi kkonsenja pubblikament il-midalja *Pro Ecclesia et Pontifice* (P.E.P.) lill-kappillan Dun Anton Muscat. Din l-onorifiċenza ngħatatlu mill-Papa Pawlu VI bħala għarfien għall-ħidma tiegħu edikata favur il-knisja. Wara, l-Arċisqof Gonzi għażlu kanonku tal-Kolleġġjata ta' Bormla.

Fil-25 ta' Marzu 1985, il-Papa preżenti Ġwanni Pawlu II innomina lill-Kanonku Dun Anton Muscat bħala kappillan tiegħu bit-titlu ta' monsinjur. Fis-7 ta' Awwissu 1988, iċċelebra quddiesa fil-knisja arċipretali tal-Mosta biex jirringrazzja lil Alla u lill-Verġni Marija tal-grazzji li rċieva tul il-ħamsin sena ta' saċerdozju.



*L-arma tal-Kappillan Dun Anton Muscat impittra fil-friz tas-Sakristija tal-Parroċċa ta' Ħal Lija. (ritratt: Al Briffa)*

**Ħidma Pastorali fil-Mosta**

Barra l-ħidma tiegħu f'diversi parroċċi, Dun Anton qatta' ħafna snin jgħix fil-Mosta. Hu kien iħobb lill-Mosta u l-Mosta ħabbitu. Għalhekk kien maħbub u rispettat mill-kotra l-kbira tal-Mostin. Fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, ż-żagħżugħ Dun Anton sar Direttur ta' l-Oratorju *Marija Immakulata* tal-bniet. Dan l-oratorju kien iħaddan fih iċ-ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika tax-xebbiet Santa Marija Assunta u l-grupp *Figlie di Maria*. Dun Anton kien id-direttur ta' dawn iż-żewġ movimenti li f'dak iż-żmien ġew trasferiti fl-ewwel kunvent tas-Sorijiet Agostinjani fi Triq il-Parroċċa wara l-knisja.

Fl-1947, Dun Anton Muscat sar Assistent Ekkleżjastiku tal-fergħa ta' l-irġiel ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Mosta. Il-laqgħat ta' dan iċ-ċirkolu kienu jsiru fl-Oratorju Qalb ta' Ġesu` li tiegħu

kien ukoll id-Direttur. Hu kien ukoll it-tielet Direttur tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla tal-Mosta, li twaqqfet fis-27 ta' April 1930.

Il-predikazzjoni kienet waħda mill-aqwa kariżmi li kellu Dun Anton u kien imfittex biex jagħmel diversi korsijiet ta' eżerċizzi. Kien konfessur imfittex ħafna, tant li anke wara li laħaq kappillan ta' Ħad-Dingli u ta' Ħal Lija, kien baqa' jiġi fi ġranet stabbiliti biex iqarar lill-Mostin.

**Kappillan tas-Soċjeta` Filarmonika Nicolo` Isouard**

Dokument importanti li għandha s-Soċjeta` Filarmonika Nicolo` Isouard huwa ċ-ċertifikat tal-Barka Appostolika mill-Papa Piju XI. Dan iċ-ċertifikat iġib id-data ta' l-4 ta' Jannar 1928 u t-talba għall-barka tal-Papa kienet saret mill-kappillan tas-Soċjeta` ta' dak iż-żmien, Dun Ġużepp Borg. Dun Ġużepp, li kien iz-ziju ta' Mons. Anton Muscat, żamm il-kariga sa mewtu, li ġrat fit-30 ta' Lulju 1943. Wara l-mewt ta' zijuh, Dun Anton inħatar kappillan tas-Soċjeta` Nicolo` Isouard u żamm din il-kariga sa l-1961 meta laħaq kappillan ta' Ħad-Dingli.



*Dun Ġużepp Borg, iz-ziju ta' Mons. Muscat. Kien ukoll Kappillan tas-Soċ. Fil. Nicolo` Isouard. (Ħajr lil Indri Borg)*

Barra li kien jieħu interess fil-bżonnijiet spiritwali tal-membri tas-Soċjeta`, Dun Anton kien jagħmel ħiltu biex ikun preżenti f'kull okkażjoni importanti li kien ikollha s-Soċjeta`. L-avvenimenti l-aktar importanti li kellha s-Soċjeta` fiż-żmien li Dun Anton kien Direttur Spiritwali kien fl-1946 meta bejn it-13 u l-20 t'Ottubru saru l-festi biex ifakkru l-75 sena mit-twaqqif tal-Banda Nicolo` Isouard. F'dik l-okkażjoni ġiet imġedda l-konsagrazzjoni tas-Soċjeta` lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu`.

Dati oħra importanti kienu:

* L-24 ta' Lulju 1949, meta ġie regalat il-bust ta' Nicolo` Isouard li jinsab fil-bitħa tal-Każin.

* L-14 t'Awwissu 1949, meta ġie regalat l-istandard il-prim tas-Soċjeta`.

* Fis-16 ta' Frar 1955 miet is-Surmast tal-Banda, Mro. Ġanni Vella. Kien sarlu funeral bis-sehem tal-banda.

* Fit-12 t'Awwissu 1956 saret il-preżentazzjoni tal-bandalora tas-Soċjeta` f'isem il-Mostin ta' Detroit.

* L-inawgurazzjoni tat-televiżjoni fil-Każin f'Ottubru 1958. Kien l-ewwel wieħed fil-Mosta li l-pubbliku seta' jkollu aċċess għalih.

* Nhar il-15 t'Awwissu 1960, l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, żar il-Każin wara li kienet saritlu dimostrazzjoni fit-toroq tal-Mosta u fiha ħadet sehem il-Banda.

Fis-snin ta' wara, Dun Anton xorta waħda baqa' marbut mas-Soċjeta` Filarmonika Nicolo` Isouard u kien jaċċetta kull stedina li ssirlu. Fost dawn, kien hemm dik t'Ottubru 1971 meta s-Soċjeta` ċċelebrat l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tal-Banda. Imbagħad f'Ottubru 1986, is-Soċjeta` fakkret il-115-il sena tal-ħajja tagħha u Mons. Anton Muscat aċċetta li jkun il-Prim Ċelebrant tal-Quddiesa ta' ringrazzjament li saret fil-knisja arċipretali.



*Dun Anton Muscat waqt l-inawgurazzjoni tat-televiżjoni fil-Każin Nicolo` Isouard fl-1958.*

**Fil-Qasam Soċjali**

Il-kuntatti diretti li Dun Anton kien ikollu man-nies, sew fil-Każin u sew fil-ħidma tiegħu fil-Mosta u f'parroċċi oħra, ħolqu fih sens qawwi ta' servizz lejn l-oħrajn. Iżda donnu dan ma

kienx biżżejjed. Lil Dun Anton insibuh involut direttament fil-qasam sportiv meta fl-1951, inħatar membru ta' l-ewwel kumitat tal-*Malta Playing Fields Association* fil-Mosta.

Il-Monsinjur kellu pinna tajba. Mal-predikazzjoni kien juża wkoll il-pinna biex jgħallem. Fost il-kitba tiegħu ħallielna diversi artikli fil-***Leħen is-Sewwa*** u anke fl-***Osservatore Romano***. Iżjed minn hekk kien



*Mons. Anton Muscat waqt il-Quddiesa ta' ringrazzjament fl-okkażjoni tal-115-il sena mit-twaqqif tal-Banda Nicoolo' Isouard.*

kapaċi li fil-kitba tiegħu jippreżentalek il-kwadru eżatt bl-isfumaturi kollha li jqanqlu interess akbar. Niftakar li kont bqajt impressjonat bl-artikli li kiteb fi ***Il-Mosta*** taħt it-titlu *'Il-Vjaġġ tiegħi fil-Palestina'*.

Il-bżonn li jżomm kuntatt ma' l-oħrajn kien sar parti integrali mill-karattru ta' Mons. Anton Muscat. Għalhekk tagħmel sens kbir id-drawwa li kellu meta rtira. Ħafna jiftakruh ta' kull fil-għaxija joħroġ fil-pjazza tal-knisja bil-qegħda ħdejn il-bieb tad-dar, bil-palju f'idu jitkellem ma' kull min jaf, b'dik it-tbissima simpatika fuq fommu.

Iżda ż-żmien jagħfas fuq kulħadd. Wasal il-jum li Mons. Anton Muscat kellu jirtira fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara. Hemm dam sal-1 t'April 1999 meta ruħu ttajret lejn il-Ħallieq Divin biex wara l-ġid li wettaq f'din id-dinja jingħaqad ma' Kristu u Ommu Marija li tant ħabb għall-hena ta' dejjem.



*Mons. Muscat bis-salib pettorali li juri li hu Membru tal-Missjoni l-Kbira. (Ħajr lil Joe Muscat).*

Il-funeral tiegħu sar nhar it-Tnejn, 5 t'April 1999, b'korteo mill-Kappella ta' San Anard għall-Knisja Arċipretali. Fil-knisja saritlu Quddiesa konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons. Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju ta' Malta, flimkien ma' għadd ta' saċerdoti, fosthom il-kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Bormla. Fi tmiem il-Quddiesa, l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca, mexxa t-tberik ta' l-aħħar. Mons. Muscat tqiegħed jistrieħ fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju tal-Mosta.

Is-Soċjeta' Nicolo' Isouard uriet ir-rispett tagħha lejn Mons. Anton Muscat billi delegazzjoni akkompanjata bl-istandard ħadet sehem attiv fil-funeral tiegħu. Iżda l-kumitat jaf li d-dmir tiegħu lejn l-eks-Kappillan tas-Soċjeta' ma jieqafx mal-funeral. Għalhekk nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Mejju 1999, saret Quddiesa fil-Każin b'suffraġju għal ruħu. Għaliha attendew membri tas-Soċjeta', il-familjari u qraba ta' Mons. Anton Muscat. Biex tibqa' tifkira ħajja ta' Mons. Muscat, ħuh Ġużeppi għoġbu jirregala lis-Soċjeta' s-salib pettorali li kellu Dun Anton meta kien membru tal-Missjoni l-Kbira. Dan is-salib ser jinżamm b'għożża kbira fil-Każin flimkien ma' tifkiriet oħra ta' nies li kellhom rabta intima mas-Soċjeta' Filarmonika Nicolo' Isouard. Fil-waqt li nħossuna kuntenti bil-memorji sbieħ ta' Mons. Anton Muscat, huwa f'postu li nagħmlu talba żgħira:

***Mulej, agħti lill-qaddej tiegħek,***
***Mons. Anton Muscat, il-mistrieħ ta' dejjem.***
***Id-dawl ta'dejjem jiddi fuqu,***
***jistrieħ fis-sliem. Amen.***

***Noti:***

1. Mons. Anton Muscat twieled fid-dar li llum iġġib in-numru , Triq il-Kbira. Imbagħad il-familja tiegħu ġarret għal dar oħra fil-viċin: 316, Triq il-Kbira. Meta għamel l-Ewwel Quddiesa tiegħu fl-1938 ħareġ minn din id-dar. Fl-1950, il-familja ta' Mons. Anton Muscat marret toqgħod f'dar ġdida: 17, Triq il-Kostituzzjoni.

2. L-isem uffiċċjali tal-post kien *Royal Hotel*. Kien hemm xi kmamar li jintużaw biex wieħed iqatta' lejl jew tnejn mistrieħ. Dawn kienu jkunu l-aktar suldati Ingliżi. Mal-Mostin kien magħruf bħala l-*Ħanut ta' Kamlata*. Peress li dan il-post kien kantuniera, kellu bieb ieħor li jiġi faċċata u biswit it-taraġ tal-ġenb taz-zuntier tal-knisja. Is-sular ta' fuq kien ir-residenza tal-familja Borg. Il-lokal fejn fl-1950 inbniet id-dar il-ġdida ta' Mons. Anton Muscat, kienet parti mill-ġenb ta' dan il-post.

3. Għalkemm Dun Ġużepp kien joqgħod ma' ommu Katarin, kellu d-dar tiegħu. Din kienet: 254, Triq il-Kbira. Meta fis-snin tletin ta' dan is-seklu l-ħanut li kellhom fil-pjazza twaqqa' biex infetħet Triq il-Kostituzzjoni, in-nanna Katarin u binha Pawlu marru joqogħdu bieb ma' bieb mad-dar ta' Dun Ġużepp.

***Riferenzi:***

***Storja tal-Mosta***, *miġbura minn E.B. Vella u Oħrajn*, 1972, pp. 254, 309, 311, 357.
***Il-Mosta***, Nru. 28, p.4; Nru. 44, p.6; Nru. 129, p.5; Nru. 167, p.8.

***Ħajr:***

Lis-**Sur Joe Muscat**, ħu Mons. Anton Muscat, u lis-**Sur Indri` Borg**, kuġin ta' Mons. Anton Muscat, għat-tagħrif li tawni dwar il-familja.
Lil **Dun Edgar Vella** għat-tagħrif mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Mosta.

***AD MULTOS ANNOS***

Il-President u l-Kumitat tas-
**Soċjeta` Filarmonika Nicolo` Isouard**
*jifirħu lil*

**DUN CHRISTOPHER GALEA,**

*u l-familjari tiegħu fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni tiegħu bħala Saċerdot,*
*mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca,*
*fil-Kon-kattidral ta' San Ġwann*
*nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Ġunju 1999.*

Dun Christopher ser jikkonċelebra l-Ewwel Quddiesa Sollenni fil-Mosta
**nhar il-Tlieta 10 ta' Awwissu 1999, fis-18.30.**
**Il-Banda Nicolo` Isouard**
ser takkompanjah mid-dar tiegħu sal-Knisja Arċipretali fil-17.30.